15 ta' Diċembru, 1945.

**Imħallfin :**

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**Maria Giuseppina Debono et. *versus* Carmelo Falzon**

**Spejjeż Ġudizzjarji — Mandatarju — Kuratur — Art. 951 u 1020A. tal-Proċedura Ċivili.**

***Min jidher f'kawża fl-isem ta' ħadd ieħor għandu jiġi kundannat, tant fis-sorti kemm fl-ispejjeż bħala tali u f'dik il-kwalità; u għalhekk dak li jiġi kundannat huwa, mhux ir-rappreżentant, imma l-persuna rappreżentata.***

***Imma jekk dan ir-rappreżentant ikun jidher għal persuna assenti u bħala mandatarju tagħha, huwa ikun responsabbli għall-ispejjeż personalment u solidalment mal-mandanti tiegħu.***

***Iżda din l-eċċezjoni ma hix estensibbli u applikabbli għal dawk il-kuraturi li jidhru biex jirrappreżentaw eredità ġjaċenti, jew persuna assenti, wara li jkunu ġew notifikati bil-bandu għan-nomina ta' kuraturi u jkunu ippreżentaw ruħhom biex jaċċettaw dawn il-bandi, avvolja huma jaċċettaw dik ir-rapprentanza minn jeddhom.***

**Il-Qorti,** — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn ippremettaw illi b'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża "Maria Giuseppina Debono vs. Carmelo Falzon nomine" fl-10 ta' Gunju 1944, konfermata mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re fis-26 ta' Frar 1945, il-konvenut, bħala kuratur biex jirrappreżenta l-eredità ġjaċenti ta' ħuh Antonio Falzon, ġie kundannat iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża; li l-konvenut għandu jirrispondi anki personalment għal dawk l-ispejjeż minħabba li hu aċċetta volontarjament dik ir-rappreżentanza, u konsegwentement sar "negotiorum gestor" u ġie suġġett għall-obligi kollha ta' mandatarju (art. 719 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868), kompriż dak li jissaporti "de proprio" l-ispejjeż ġudizzjarji relativi (arg. art. 1020A. tal-Proċedura Ċivili); li l-konvenut, interpellat sew bonarjament sew b'ittra uffiċjali tad-9 ta' April 1945, ma ħallasx, u

l-ispejjeż, almenu s'issa, jammontaw għal £34, kif jidher fil-prospett meħmuż mat-taħrika ġustifikat bit-taxxi eżibiti wara l-mandat ta' l-elevazzjoni tat-2 ta' Mejju 1945, li għalihom qiegħda ssir riferenza; li minnhom huma rċevew biss £11. 2. 5, mid-depożitu magħmul għall-ispejjeż ta' l-appell; u talbu li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, l-istess konvenut jiġi kundannat iħallashom personalment, jew min minnhom, is-somma ta' £22. 17. 7 għall-ispejjeż inkorsi fil-kawża fuq imsemmija, wara li, jekk hemm bżonn, ikun deċiż li hu responsabili personalment għall-ispejjeż ġudizzjarji li saru in konnessjoni ta' l-imsemmija kawża; b'riżerva ta' spejjeż u drittijiet oħra, bl-imgħax legali min-notifika ta' l-ittra uffiċjali tad-9 ta' April 1945, u bl-ispejjeż kompriżi dwk ta' l-istess ittra uffiċjali u tal-mandat ta' l-elevazzjoni tat-2 ta' Mejju 1945, kontra l-konvenut personalment;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re tat-22 ta' Ġunju 1945, fejn laqgħet it-talba bl-ispejjeż kontra l-konvenut, salv lilu d-dritt ta' regress kontra l-wirt ta' Antonio Falzon; wara li kkunsidrat;

Illi l-kuratur ta' ereditâ ġjaċenti huwa "gestor negotiorum" meta jkun offra ruħu spontaneament biex jirrappreżenta l-wirt, u għalhekk għandu jagħmel tajjeb personalment għall-ispejjeż ġudizzjarji, salv ir-regress favur tiegħu kontra l-wirt;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi dik is-sentenza tiġi revokata, u d-domandi ta' l-attur jiġu respinti bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi r-regola ġenerali fid-dritt proċedurali hija li kulħadd ikun kundannat f'dik il-kwalità li jkun qiegħed jidher fil-ġudizzju, u għalhekk, jekk ikun qiegħed jidher għan-nom ta' ħaddieħor, u bħala tali jiġi kundannat sija fis-sorti kemm fl-ispejjeż, dik il-kundanna għandha tfisser fis-sens li ġie kundannat min kien rappreżentat, u mhux ir-rappreżentant. In

konformità ma' dan il-prinċipju ġie ritenut mill-Prim'Awla tal-*Qorti Ċivili in re "Diacono vs. De Lorenzo"*, fit-18 ta' Novembru 1884 (Kollez. Vol. X, p. 638, col. 1ma.), illi "è regola che chi è convenuto e condannato in giudizio in una qualità come quella di *tutore*, *procuratore*, o con qualunque titolo amministratore, non deve soggiacere alla esecuzione della sentenza a nome proprio e personalmente; e questa regola concerne tanto la sorte principale quanto le spese giudiziali, che sono *accessorie*.............., a meno che nella stessa sentenza non è espresso che le spese devono essere sostenute dal soccombente a nome proprio. La sola eccezione a detta regola, quanto alle spese giudiziarie, è *contenuta* nel para. 2 dell'*articolo 1020 Codice Procedura Civile*, ove si dispone che il mandatario costituito da una persona assente da queste Isole è tenuto a pagare le spese alle quali il costituente fosse condannato come se il primo fosse *unitamente* al secondo condannato *personalmente* e solidalmente". Infatti l-imsemmi artikolu 1020A tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jgħid illi r-Reġistratur għad-dritt tar-reġistru, u l-parti avversarja għall-ispejjeż tagħha, meta l-*kawża tkun* kontra assenti rappreżentat minn *mandatarju*, ikunu jistgħu jieħdu dawk l-ispejjeż mill-mandatarju fl-istess mod qisu l-mandatarju ġie personalment u solidalment kundannat mal-kostitwent *tiegħu* jħallas dawk l-ispejjeż:

**Tikkunsidra;**

Illi l-attriċi tippretendi testendi din id-dispożizzjoni tal-liġi anki għall-każ ta' kuratur li jkun qiegħed jirrappreżenta eredità ġjaċenti u li *jkun deher* wara l-ispedizzjoni tal-bandi, għalkemm deher spontaneament; u l-Ewwel Qorti laqgħet dik it-talba ta' l-attriċi peress, kif intqal iżjed 'il fuq, li dak il-kuratur li deher spontaneament kien "negotiorum gestor", li huwa *parifikat għall-mandatarju*;

Il-figura ta' dak il-kuratur hija verament ta' "negotiorum gestor", kif ġie anki stabbilit fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Jannar 1922, in re "Scicluna vs. P.L. F.A. Mifsud" (Kollez. Vol. XXV — I — 45) kif ukoll f'sentenza oħra ta' din il-Qorti tas-6 ta' Gunju 1928, in re "Bonnici vs. P.L.

Gius. Cutajar ne." (Kollez. Vol. XXVII — I — 1004). La darba dik il-persuna minn jeddha dehret biex tirrapprezenta l-assenti jew l-eredità ġjaċenti, għandha taqa' taħt dik il-figura tan-"negotiorum gestor", għalkemm ikun hemm id-digriet tal-Qorti, li bih assumiet dik il-kwalità. Iżda din in-"negotiorum gestio" f'dawk is-sentenzi ġiet kunsidrata fir-rapporti, fl-ewwel sentenza bejnu u bejn id-difensur li huwa kien inkarika biex jiddefendih, u fl-oħra bejn il-kuratur u l-persuna li kienet rappreżentata; u fiż-żewġ każijiet il-Qorti rraġunat fuq il-ġestjoni ta' negozji u fuq il-konsegwenti responsabilità tal-"gestore" di fronti għad-difensur tiegħu u tar-rappreżentat di fronti għall-kuratur;

Tikkunsidra;

Illi però f'dan il-każ l-ispeċjalità tiegħu qiegħda kollha fil-pont jekk dik id-dispożizzjoni eċċezzjonali ta' l-art. 1020A. tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili tistax tiġi anki estiża għall-każ tal-kuraturi. Dik id-dispożizzjoni tidher eċċezzjonali, kif intqal iżjed 'il fuq, u ssemmi l-mandatarju ta' persuna assenti; u għalhekk, kieku l-leġislatur ried li tkun estiża anki għall-kuraturi kontemplati fl-istess liġi, li għalkemm ma jkunux kuraturi nominati minn avukati ta' l-elenku imma jidhru spontaneament, iżda dejjem huma kuraturi, huwa loġiku li jkun presuppost li kieku l-leġislatur ried jestendi dispożizzjoni eċċezzjonali bħal dik anki għal dawk il-kuraturi, kien igħid "expressis verbis", u mhux isemmi l-każ uniku ta' mandatarju ta' persuna assenti. U d-differenza bejn iż-żewġ istituti hija markata, għaliex mentri fil-każ ta' mandatarju huwa preżumibili li dan, biex assuma l-mandat ikun ħa l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa di fronti għall-kostitwent tiegħu, anmenokkè ma kellux fiduċja fih u fis-solvibilità tiegħu, mhux hekk il-kuratur li, allavolja jidher spontaneament, iżda jiġi nominat mill-Qorti, u jidher sempliċement bħala persuna li hija imparentata ma' l-assenti jew mad-decujus, u għalhekk hija fi stat tikkontesta l-kawża. Il-liġi meta fordna l-ispedizzjoni tal-bandi u tistabbilixxi li għandu jiġi notifikat lill-persuna parenti, għandha l-iskop li dik il-persuna tkun forsi edotta mill-

fatti tal-kawża, u għalhekk tkun tista' tajjeb tikkontesta il-ġudizzju fl-interess ta' l-enti rappreżentat. mhux bħal meta jiġu nominati kuraturi ta' l-elenku li jkunu jridu jagħmlu id-dmir tagħhom biex jfittxu l-informazzjonijiet meħtieġa għall-kontestazzjoni tal-ġudizzju. Issa kieku l-kuratur li jidher spontaneament jiġi sottopost għal dan il-gravam, li huwa jħallas l-ispejjeż personalment, l-effett tal-liġi li trid kemm jkun possibili li l-parenti jidhru biex jaċċettaw il-bandi, jiġi, jekk mhux maqtul għal kollox, iżda ostakolat ħafna, għaliex il-parenti, minħabba dik ir-responsabilità li huma jassumu li għandhom iħallsu l-ispejjeż personalment, wisq probabilment ma jindaħlux ;

Tikkunsidra ;

Illi argument ieħor għandu jinġibed mill-art. 951 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, fejn hemm stabbilit illi l-persuna li tidher taċċetta l-bandu, jekk tiġi konfermata, ma jkollhiex dritt li tiġi indennizzata mill-ispejjeż li tkun għamlet jekk mhux fil-każ li tkun rebħet il-kawża bl-ispejjeż. Din id-dispożizzjoni kienet neċessarja minħabba l-fatt li meta jkun hemm kuraturi ta' l-elenku l-parti li għamlet it-talba għan-nomina tagħhom għandha tħallas id-dritt tagħhom, bħala mandanti tagħhom, kif ġie ritenut anki mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili in re "Dr. Cannataci vs. Pace Balzan" fit-3 ta' Frar 1900 (Kollez. Vol. XVII — II — 175), u allura kien neċessarju li jiġi stabbilit illi. għalkemm min jidher spontaneament jiġi nominat kuratur ukoll. għalkemm ma jkunx "official curator", iżda dejjem kuratur. illi dan ma jkunx jista' jitlob mill-parti l-oħra l-indennizz ta' l-ispejjeż li huwa jkun għamel. Kieku ried iżjed minn hekk il-leġislatur kien iżid espressament f'dis-pożizzjoni bħal din li l-kuratur. fil-każ li jitlef il-kawża, ikun obligat iħallas l-ispejjeż tal-parti l-oħra, kif għamel fil-każ ta' l-art. 1020A, ta' l-istess liġi, fejn idderoga prinċipju fondamentali tad-dritt ;

Tikkunsidra ;

Illi l-każi kontemplati fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-8 ta' Marzu 1898 (Kollez. Vol. XVI — II — 204), in re "Farrugia vs. Tabone", u fis-sentenza ta' l-istess Qorti

in re "Sciberras vs. Vella Muscat" tas-7 ta' Jannar 1937, kienu wisq diversi, ghaliex f'dawk il-każijiet in-"negotiorum gestor" spontaneament talab lill-Qorti biex ikun nominat kuratur "ad litem" biex jipproponi kawża kontra l-konvenut ghad-dikjarazzjoni tal-paternità, ghaliex f'dak il-każ, kif qalet il-Prim'Awla fl-ewwel minn dawk il-każijiet, dawk l-ispejjeż tal-kawża "probabilmente non sarebbero state fatte se ei non si fosse di proprio moto presentato a rappresentare in giudizio un minore ignorante e forse nulla tenente" — ragunament li ma jistax jigi applikat ghal każ li persuna tidher biex taċċetta l-bandi fuq l-ispedizzjoni ta' dawk il-bandi, meta l-kawża kienet issir l-istess u kienu jsiru kuraturi ta' l-elenku kieku ma dehritx dik il-persuna, u l-attriċi kien ikollha thallas id-dritt ta' dawk il-kuraturi ta' l-elenku;

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tilqa' l-appell tal-konvenut, u tiddikjara li l-konvenut personalment mhux responsabili ghall-ispejjeż mitluba mill-attriċi, u ghalhekk tirrespingi t-talba ta' l-istess attriċi, u tordna li in vista tan-novità tal-kwistjoni l-ispejjeż taż-żewġ istanzi ma jkunux taxxati bejn il-partijiet; id-dritt tar-reġistru jithallas mill-attriċi;

U f'dan is-sens tirriforma s-sentenza u ninnaha hemm appell.